MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Numru. 510/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Peter Stroud, iben Anthony Frederick, imwieled Tarxien fis-27 ta’ Ġunju, 1950, Karta ta’ l-Identita numru 574850(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, u cioe’ fit-22 ta’ Marzu, 2003 fi Triq St. Andrew’s, Pembroke għal ħabta tat-3.30 p.m.:
B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta’ Franco Marco D’Agatha.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta’ Ottubru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Frar, 2008 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fit-22 ta’ Marzu, 2003 il-pulizija ġiet infurmata li kien seħħ inċident bejn żewġ muturi fi Triq St. Andrews, limiti ta’ San Ġiljan quddiem il-pompa tal-petrol tal-Wembley. Id-dinamika tal-inċident kien li mutur tal-marka Honda 1100, bin-numru tar-reġistrazzjoni YES 011, misjuq minn Marco D’Agatha, kien daħal fil-mutur li kien quddiemu. Dan kien mutur Suzuki GSR1100, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAF 287, misjuq minn Simon Attard. Konsegwenza ta’ din il-kollizzjoni Marco D’Agatha waqa’ minn fuq il-mutur tiegħu. Bil-momentum tiegħu nnifsu baqa’ sejjer fuq in-naħa l-oħra tat-triq fejn spiċċa taħt il-karozza tal-marka Ford Escort, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBK 195, u miet fuq il-post. Il-muturi kienu sejrin lejn id-direzzjoni ta’ Baħar iċ-Ċagħaq biex jidħlu fil-car park tal-Luxol, fil-waqt li l-karozza kienet nieżla fid-direzzjoni ta’ San Ġiljan.

Illi dak in-nhar ġara li kien qed jiġi filmjat episodju tas-sensiela televiziva
“F’ Baħar Wieħed” u l-imputat kien qed jidderiġi dan l-episodju. L-intenzjoni ta’

l-imputat kienet li jiġbdu fil-'car park' magħruf bl-isem tal-Luxol. Hemmhekk, kellhom jidħlu tlett muturi u jiefqu. L-imputat kellu bżonn tlett muturi u wieħed minnhom kellu jagħmilha tal-attur ewlieni, billi dan ta' l-aħħar ma kienx jaf isuq mutur. L-imputat kien iiltaqa ma Julian Tabone u talab lil ta' l-aħħar biex isib tlett muturi għal dik ix-xena partikolari. Fil-fatt dak in-nhar ta' l-inċident Julian Tabone ġie fuq il-post akkompanjat minn Simon Attard u Marco D'Agatha. Dawn kellhom ikunu s-sewwieqa tat-tlett muturi.

Illi meta l-imputat beda jiddiskuti x-xena, hu ried li jiġbed minn ġol-car park u qallhom biex joqgħodu attenti billi kien hemm xi tfal f'dan il-car park. Julian Tabone ħareġ bl-ideja li jiġbdu fit-triq prinċipali. It-tlett muturi kellhom l-ewwel jinżlu lejn it-traffic lights li hemm fil-lokalita, iduru u jibdew telgħin lej il-car park u jidħlu fl-istess carpark. Fil-fatt, hekk sar. L-ewwel mutur kien ta' Simon Attard, it-tieni tal-mejjet Marco D'Agatha u fl-aħħar Julian Tabone. L-ideja kellha tkun ta' tiġrija iżda huma kellhom jsuqu bi speed normali wieħed wara l-ieħor. Skont Julian Tabone, Marco D'Agatha mar jaqbeż lil Simon Attard. Il-mutur ta' D'Agatha miss mat-tyre ma dak ta' Attard u ġara l-inċident. Għandu jiġi rilevat li fl-atti tal-Process Verbal hemm il-filmat ta' l-inċident.

Illi mir-relazzjoni teknika li tifforma parti ntegrali tal-Process Verbal jirrizulta li l-inċident ġara unikament tort ta' Marco D'Agatha. Din il-Qorti taqbel perfettament ma din it-teżi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat ma ħassx il-ħtieġa li tingħalaq it-triq. Ir-raġuni kienet li l-muturi kellhom jimxu mal-'flow' tat-traffiku, xejn partikulari u l-filming kellhom jkun wieħed minimu ta' madwar ħames sekondi. Din id-deċizjoni partikolari ittieħdet dak il-ħin stess tal-filming. L-imputat ried jiġbed xena mod iżda Julian Tabone ssegerixxa x-xena mod ieħor. Xena li kellha tkun aktar realistika. Illi din ix-xena partikolari ma tistax tiġi meqjuza bħala 'stunt'. Il-kunċett ta' l-'istunt' jinvolvi "an unusual and difficult physical feat, or any act requiring a special skill, performed for artistic purposes in TV, theatre or

cinema" (Wikipedia). Is-sena meħtieġa kienet li wieħed jaf isuq mutur u jobdi l-ordni li wieħed kellu jsegwi lill-ieħor f'ordni prestabilit. Lanqas ma kien hemm il-ħtieġa li wieħed jaqbeż lill-ieħor.
Illi wieħed għandu jqies il-pożizzjoni ta' l-imputat u il-fatt li ma talabx biex tingħalaq it-triq. Il-kwistjoni li jqum hu jekk l-imputat kien negliġenti fl-operat tiegħu. Fl-ewwel lok, għandha ssir referenza għall-'Code of Practice for Film Makers' maħruġ mill-Malta Film Commission. Is-sezzjoni sitta (6) ta' dan il-kodiċi ta' komprtament jitfa l-oneru tar-'risk assessment' fuq il-'Film Production Company'. Jekk kien hemm riskju għal dawn it-tlieta min-nies il-kumpanija kellha tkun responsabbli. Mill-provi prodotti jirrizulta biss li l-imputat kien id-direttur ta' din il-produzzjoni. Mkien ma tissemma l-'Film Production Company'. Lanqas biss hemm isem ta' din l-entita'. Fit-tieni lok, kien Julian Tabone li ssegerixxa kif għandha tinħadem ix-xena u it-tlieta min-nies ma sabu ebda oggezzjoni iżda għall-korrettezza jirrizulta li Simon Attard ried li t-triq tingħalaq. Ma dankollu, ma
jirrizultax li kien hemm xi argument fuq dan il-fatt. Fuq kollox din kellha tkun xena ta' sewqan normali bi speed normali. Hawnhekk, qed issir referenza għas-sentenza tat-28 ta' Frar, 1953 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Manwel Xerri" li tenunzja espressament il-pożizzjoni legali fuq dan il-punt partikolari. Anki jekk, għall-grazzja ta' l-argument, l-imputat kien responsabbli biex iġib il-permess li jagħlaq it-triq in-negligenza tiegħu kellha tirrazenta, dak li t-testi nglizi jiddeskrivu bħala 'recklessness'. F'dan il-każ zgur dan ma jinkwadrax ruħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------